MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Numru 549/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**Vs**

Anton Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra Anton Vassallo ta' karta ta' identita' numru 495978(M), akkuzat talli:

1. f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-23 u 24 ta' April 2003 ikkommetta serq ta' erba' roti bir-rimmijiet b'kollox ta' karozza li ghandhom valur ta' Lm225 minn fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FEN 011 tal-marka Daewoo minn go Triq San Tumas Hal Tarxien liema serq hu aggravat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin;

2. f'dawn l-ahhar xhur fuq dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' erba' roti bir-rimmijiet b'kollox ta' karozza li ghandhom valur ta' Lm225 mehuda jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxijhom a detriment ta' Kevin Fenech minn Hal-Tarxien;

3. kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija fit-18 ta' Dicembru 2001 mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda wkoll l-imputat bil-gurament minn jeddu;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bil-valur, hin u xorta tal-haga misruqa, b'ricettazzjoni u li kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza.

Il-kaz ghandu origini minn rapport li sar fl-24 ta' April 2003 minn certu Kevin Martin Fenech u l-mara tieghu fl-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid dwar li kienu insterqulu erba' roti tat-tip 'alloy wheels' minn fuq il-vettura tieghu Deawoo Racer numru ta' registrazzjoni FEN-011 liema roti kienu jiswew Lm225. Xi xhur wara l-istess kwerelant kien informa l-Pulizija li kien identifika r-roti misruqin minghandu armati fuq vettura Isuzu Gemini numru ta' registrazzjoni CAE-576 proprjeta' ta' Duncan Formosa. Minn din l-informazzjoni l-pulizija identifikaw it-transazzjonijiet li sehhew precedentement fejn kienu involuti l-imsemmija roti u fil-kors ta' liema ssemma l-isem l-imputat. Irrisulta fil-fatt, kif jevidenzjaw l-provi, li l-kwerelant kien xtara l-vettura tieghu kif armata b'dawk ir-roti minghand Joseph Grima li da parti tieghu kien xtraha minghand Christopher Polidano li stqarr li r-roti in kwistjoni kien hadhom b'tpartit minghand Michael Camilleri l-gharus

t'ohtu li kien a sua volta akkwisthom minghand Alfred Mansueto. L-imputat gie implikat minn dan Mansueto billi stqarr li kien xtara r-roti minghandu. Jghid l-imsemmi Mansueto, fir-rigward, li hu biegh lill-imputat vettura tal-marka Diahastu li bhala parti mill-prezz kien ghaddielu r-roti in kwistjoni.

Sa hawnhekk jaslu l-provi tal-prosekuzzjoni u l-unika evidenza kontra l-imputat hi biss fuq dak li stqarr Mansueto li r-roti kien hadhom minghand l-imputat ghas-saldu tal-bilanc ta' prezz tal-vettura Diahatsu li hu kien biegh lill-imputat. Dan il-fatt l-imputat jinnegah u kien kategoriku f'din ic-cahda tieghu. Stqarr li waqt li kien veru li xtara l-vettura Diahatsu minghand l-imputat hu halsu flus kontanti. Ir-roti flimkien mar-rimmijiet ma kien qatt rahom.

Fuq l-iskorta ta' dawn il-provi l-Qorti tghid li difficilment tista' issib htija fl-imputat kemm fl-akkuza ta' serq u lanqas f'dik tar-ricettazzjoni. Anzi hi u tosserva l-imputat waqt li xehed quddiemha u wkoll tul il-kors tal-proceduri aktar isahhah il-konvinciment fiha li dak li qal l-imputat ghandu mill-veru.

Ghaldaqstant, taqta u tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull piena u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------